MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-18 ta' Awwissu, 2003

Numru. 321/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**
- vs -
**CARMELA SAID**
**GEORGE SAID**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputata **CARMELA SAID** mart Joseph u bint Anthony Formosa u Antonia nee Saliba residenti fil-fond numru 8, Triq ix-Xlendi, Munxar u detentrici tal-karta tal-identita` numru 16147 (G) u **GEORGE SAID** bin Anthony u Carmela nee Grech residenti fil-fond numru 14, Triq is-7 ta’ Gunju, 1919, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita` numru 31643 (G) gew imressqha quddiemha akkuzati talli nhar il-Hadd tlettax ta’ Lulju, 2003 ghall-habta tal-hamsa u ghoxrin ta’ filghodu, l-imputata Carmela Said bhala persuna illi f’isimha ghandha il-licenzja biex izzomm discoteka “La Grotta” li tinsab fi Triq ix-Xlendi,

Munxar u l-imputat George Said bhala persuna li f'isimha ghandha il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija biex taghmilha ta' sostitut fid-discoteka "La Grotta", bla ebda permess jew licenzja li jkunu jippermettu "party" jew disco f' "La Grotta", li tinsab fl-imsemmi indirizz, lokalita` ta' divertiment fil-maghluq, jibqa jew jitkompla, fi jew bejn l-erbgha ta' filghodu u d-disgha ta' filghodu, u b'hekk gew li zammew disco bla permess.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 41 (2) tal-Kap 10 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lil rappresentant tal-MTA jghid li l-fond in kwistjoni mhux kopert b'licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew tal-Malta Tourism Board u dak li kellu illum skada.

Rat illi mix-xhieda ta' dan ir-rappresentant ma jirrisultax illi l-imputati kellhom il-gestjoni tal-fond dak in-nhar tal-akkuza. Il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda xhud iehor in sostenn tal-akkuza taghha.

**Ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara li ma ssibx lill-imputati CARMELA SAID U GEORGE SAID hatja tal-akkuza kif addebitata fil-konfront taghhom u tilliberhom minnha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------